

Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-000370/2024

lill-Kummissjoni

Artikolu 138 tar-Regoli ta' Proċedura

Matjaž Nemeč (S&D), **Peter Pollák** (PPE), **Pierre Karleskind** (Renew), **Ivan Vilibor Sinčić** (NI), **Isabel Santos** (S&D), **Dietmar Köster** (S&D), **Mounir Satouri** (Verts/ALE), **Pina Picierno** (S&D), **Thijs Reuten** (S&D), **Eugenia Rodríguez Palop** (The Left), **Paul Tang** (S&D), **Cyrus Engerer** (S&D), **Hannah Neumann** (Verts/ALE), **Irena Joveva** (Renew), **Ibán García Del Blanco** (S&D), **Robert Biedroń** (S&D), **Pierre Larrouturou** (S&D), **Damien Carême** (Verts/ALE)

Suġġett: Is-salut faxxista mhuwiex reat sakemm ma jkunx ta' riskju għall-ordni pubbliku

Il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni f'Ruma ddeċidiet fid-19 ta' Jannar 2024 li s-salut faxxista ma jitqiesx illegali sakemm ma jpoġġix fil-periklu l-ordni pubbliku jew sakemm ma jippromwovix l-qawmien mill-ġdid ta' ideoloġiji faxxisti.

Din is-sentenza waslet jiem wara li mijiet ta' neo-Faxxisti wrew l-appoġġ tagħhom għall-ideoloġija faxxista permezz ta' salut faxxista f'Ruma fil-bidu ta' Jannar waqt laqgħa mhux relatata. Tali manifestazzjonijiet estremisti ta' spiss, mhux biss fl-Italja iżda wkoll madwar l-Ewropa, għandhom ikexkxu u jixxukkjaw lil kulħadd filwaqt li jħassbu lill-istituzzjonijiet tal-UE.

Il-faxxiżmu kkawża tbatija li ma nistgħux nimmaġinaw fuq miljuni ta' Ewropej. L-Unjoni Ewropea, b'kuntrast qawwi, għet stabbilita fuq il-prinċipju fundamentali tal-antifaxxiżmu, hekk kif tħaddan valuri ewlenin bħar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt, u s-salvagwardja tad-drittijiet tal-bniedem - valuri li ideoloġiji faxxisti u Nazisti fittxew li jgħibu fix-xejn.

1. Il-Kummissjoni tqis kwalunkwe sura jew forma ta' salut faxxista bħala theddida diretta għall-valuri ewlenin Ewropej kif minqaxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea?
2. Din it-turija tal-ideoloġija faxxista hija konformi mal-liġi tal-UE?
3. Il-Kummissjoni biħsiebha tiegħu miżuri konkreti sabiex tiproteġi lill-UE minn theddid bħal dan?

Imressqa: 5.2.2024